

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' April 2008 — Ċipru vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-54/08 R, T-87/08 R, T-88/08 R u T-91/08 R sa T-93/08 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Avviżi ta' għoti ta' kuntratti intiżi li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ekonomiku fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru — Talba għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)

(2008/C 171/71)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: P. van Nuffel u I. Zervas, aġenti)

Suġġett

Talbiet għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' numru ta' avviżi ta' għoti ta' kuntratti adottati mill-Kummissjoni u intiżi li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ekonomiku fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru fis-setturi ta' l-enerġija, ta' l-ambjent, ta' l-agrikoltura, tat-telekomunikazzjonijiet, ta' l-educazzjoni kif ukoll ta' l-immaniġġjar ta' l-uċuh tar-raba u ta' l-irrigazzjoni

Dispożittiv

- 1) Il-kawżi T-54/08 R, T-87/08 R, T-88/08 R u T-91/08 R sa T-93/08 R huma magħquda għall-finijiet ta' dan id-digriet.
- 2) It-talbiet għal miżuri provviżorji huma miċħuda.
- 3) L-ispejjeż jibqgħu riżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' April 2008 — Ċipru vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-119/08 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Avviż ta' għoti ta' kuntratt intiż li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru — Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)

(2008/C 171/72)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. van Nuffel u I. Zervas, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' avviż ta' għoti ta' kuntratt adottat mill-Kummissjoni u intiż li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru fil-qasam tat-trobbija ta' l-annimali.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż jibqgħu riżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' April 2008 — Ċipru vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-122/08 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Avviż ta' għoti ta' kuntratt intiż li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru — Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)

(2008/C 171/73)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. van Nuffel u I. Zervas, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' avviż ta' għoti ta' kuntratt adottat mill-Kummissjoni u intiż li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru dwar l-implemmentazzjoni ta' unità ta' ġestjoni ta' programm in sostenn ta' l-implemmentazzjoni ta' proġetti ta' investment fil-qasam ta' l-ilma, ta' l-ilma mormi u ta' l-iskart solidu.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż jibqgħu riżervati.